**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 577/2015

Numru fuq il-Lista: 24

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Lourdes Elizabeth Farrugia K.I. 522592(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' erba' mija u tlettax-il Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€413.37) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz ta' Laptop Connect AC 51067847.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta. Ra illi l-konvenuta ma ppreżentatx risposta in

kontestazzjoni għall-istess talba iżda dehret għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fis-7 t' Ottubru 2015.
Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata fir-Reġistru mis-soċjeta` attriċi fejn hija rriduċiet it-talba bl-ammont ta' ħamsin Ewro biex b'hekk l-ammont minnha pretiż niżel għas-somma ta' tliet mija u tlieta u sittin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€363.37).

Ra illi fis-seduta tas-7 t' Ottubru 2015, il-konvenuta Lourdes Elizabeth Farrugia kkonfermat it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li hija għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ridotta ta' tliet mija u tlieta u sittin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€363.37).

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħha u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

It-Tribunal ra illi l-partijiet qablu illi l-ħlas isir b'pagamenti rateali ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, u spjega lill-konvenuta li jekk hija taqbeż xi pagament, titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tliet mija u tlieta u sittin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€363.37), bir-rata ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, bl-imgħax legali dekorribbli mis-16 ta' Lulju 2015, li hija d-data tal-preżentata ta' din it-talba, sad-data tal-pagament effettiv. Jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur